

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1330**tas-17 ta' Lulju 2017****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(d) u (e) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka persuni, entitajiet u korpi li, peress li ġew innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li, billi ma ġewx elenkati fl-Anness IV, ġew elenkati mill-Kunsill, u huma soġġetti għall-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (3) Fil-5 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet emenda l-entrati għal żewġ entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (4) Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 2356 (2017) li żżid 14-il persuna fiżika u erba' entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi. Dawn il-persuni u l-entitajiet żdienu fl-Anness IV tar-Regolament (KE) 329/2007 permezz ta' Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/970 ⁽²⁾. Għaldaqstant jinħtieġ li xi wħud minn dawn il-persuni u l-entitajiet jitħassru mill-Anness V tar-Regolament (KE) 329/2007, peress li issa huma mniżżlin fl-Anness IV.
- (5) L-Annessi IV u V għaldaqstant jinħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huma emendati f'konformità mal-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*⁽¹⁾ ĠUL 88, 29.3.2007, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/970 tat-8 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 146, 9.6.2017, p. 129).

ANNEX I

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, l-intestatura “B. Persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi” hija emendata kif ġej:

- (1) “(8) Namchongang Trading Corporation (magħrufa wkoll bħala (a) NCG, (b) Namchongang Trading, (c) Nam Chon Gang Corporation, (d) Nomchongang Trading Co., (e) Nam Chong Gan Trading Corporation (f) Namhung Trading Corporation). Informazzjoni oħra: (a) tinsab f’Pyongyang, DPRK; (b) Namchongang hija kumpanija kummerċjali Nord Koreana subordinata għal GBAE. Namchongang kienet involuta fl-akkwist ta’ pompi li joħlqu vakwu ta’ oriġini Ġappuniża li ġew identifikati f’installazzjoni nukleari tal-Korea ta’ Fuq, kif ukoll fl-akkwist relatat ma’ oġġetti nukleari li huwa assoċjat ma’ individwu Ġermaniż. Din kienet involuta wkoll mill-aħħar tad-disgħinijiet fix-xiri ta’ tubi tal-aluminju u tagħmir ieħor speċifikament adattat għall-programm ta’ arrikkiment tal-uranju. Ir-rappreżentant tagħha huwa eks diplomatiku li kien ir-rappreżentant tal-Korea ta’ Fuq għall-ispezzjoni tal-installazzjonijiet nukleari ta’ Yongbyon mill-IAEA fl-2007. L-attivitajiet ta’ proliferazzjoni ta’ Namchongang huma ta’ tħassib serju meta wieħed iqis l-attivitajiet ta’ proliferazzjoni tal-Korea ta’ Fuq fil-passat. Data tal-klassifikazzjoni: 16.7.2009.”

huwa sostitwit bi:

- “(8) Namchongang Trading Corporation (magħrufa wkoll bħala NCG; NAMCHONGANG TRADING; NAM CHONG GANG CORPORATION; NOMCHONGANG TRADING CO.; NAM CHONG GAN TRADING CORPORATION; Namhung Trading Corporation; Korea Daeryonggang Trading Corporation; Korea Tearyonggang Trading Corporation); (a) tinsab f’Pyongyang, fil-Korea ta’ Fuq; Sengujadong 11-2/(jew Kwangbok-dong), id-Distrett ta’ Mangyongdae, Pyongyang, il-Korea ta’ Fuq; (B) Namchongang hija kumpanija kummerċjali Nord Koreana subordinata għall-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (General Bureau of Atomic Energy, GBAE). Namchongang kienet involuta fl-akkwist ta’ pompi li joħlqu vakwu ta’ oriġini Ġappuniża li ġew identifikati f’installazzjoni nukleari tal-Korea ta’ Fuq, kif ukoll fl-akkwist relatat ma’ oġġetti nukleari li hu assoċjat ma’ individwu Ġermaniż. Din kienet involuta wkoll mill-aħħar tad-disgħinijiet fix-xiri ta’ tubi tal-aluminju u tagħmir ieħor speċifikament adattat għall-programm ta’ arrikkiment tal-uranju. Ir-rappreżentant tagħha huwa eks diplomatiku li serva bħala rappreżentant tal-Korea ta’ Fuq għall-ispezzjoni mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) tal-installazzjonijiet Nukleari ta’ Yongbyon fl-2007. L-attivitajiet ta’ proliferazzjoni ta’ Namchongang huma ta’ tħassib serju meta wieħed iqis l-attivitajiet ta’ proliferazzjoni tal-Korea ta’ Fuq fil-passat. Numri tat-telefown: +850-2-18111, 18222 (ext. 8573). Numru tal-faks: +850-2-381-4687. Data tal-klassifikazzjoni: 16.7.2009.”

- (2) “(10) Green Pine Associated Corporation (magħrufa wkoll bħala (a) CHO’NGSONG UNITED TRADING COMPANY; (b) CHONGSONG YONHAP; (c) CH’O’NGSONG YO’NHAP; (d) CHOSUN CHAWO’N KAEBAL TUJA HOESA; (e) JINDALLAE; (f) KU’MHAERYONG COMPANY LTD; (g) NATURAL RESOURCES DEVELOPMENT AND INVESTMENT CORPORATION; (h) SAEINGPIL COMPANY). Indirizz: (a) c/o Reconnaissance General Bureau Headquarters, Hyongjesan-Guyok, Pyongyang, North Korea, (b) Nungrado, Pyongyang, RDPK. Informazzjoni oħra: Green Pine Associated Corporation (“Green Pine”) ħadet ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Il-KOMID ġiet inkluża mill-Kumitat f’April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni tal-armi tar-RDPK u l-esportatur prinċipali ta’ prodotti u tagħmir marbutin mal-missili ballistiċi u l-armi konvenzjonali. Green Pine hija responsabbli wkoll għal kważi nofs l-armi u nofs il-materjal relatat esportati mir-RDPK. Green Pine ġiet identifikata għal sanzjonijiet minħabba l-esportazzjoni ta’ armi u ta’ materjal relatat mill-Korea ta’ Fuq. Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta’ inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta’ missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lill-impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Data tal-klassifikazzjoni: 2.5.2012.”

huwa sostitwit bi:

- “(10) Green Pine Associated Corporation (magħrufa wkoll bħala Cho’ngsong United Trading Company; Chongsong Yonhap; Ch’o’ngsong Yo’nhap; Chosun Chawo’n Kaebal Tuja Hoesa; Jindallae; Ku’m- haeryong Company LTD; Natural Resources Development and Investment Corporation; Saeingp’il Company; National Resources Development and Investment Corporation; Saeng Pil Trading Corporation). Indirizz: (a) c/o Reconnaissance General Bureau Headquarters, HyongjesanGuyok, Pyongyang, il-Korea ta’ Fuq; (b) Nungrado, Pyongyang, RDPK; (c) Rakrang No. 1 Rakrang District Pyongyang Korea, Chilgol-1 dong, Mangyongdae District, Pyongyang, il-Korea ta’ Fuq. Informazzjoni oħra: Green Pine Associated Corporation (“Green Pine”) ħadet ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). KOMID ġiet inkluża mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f’April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni tal-armi u l-esportatur prinċipali ta’ prodotti u tagħmir marbutin mal-missili ballistiċi u l-armi konvenzjonali. Green Pine hija responsabbli wkoll għal kważi nofs l-armi u nofs il-materjal relatat esportati mir-RDPK. Green Pine ġiet identifikata għal sanzjonijiet minħabba l-esportazzjoni ta’ armi u ta’ materjal relatat mill-Korea ta’ Fuq. Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta’ inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta’ missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lill-impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Numru tat-telefown: +850-2-18111(ext. 8327). Numru tal-faks: +850-2-3814685 u +850-2-3813372. Indirizzi tal-posta elettronika: pac@silibank.com and kndic@co.chesin.com. Data tal-klassifikazzjoni: 2.5.2012.”

- (3) “(46) Strategic Rocket Force of the Korean People’s Army (magħrufa wkoll bħala Strategic Rocket Force; Strategic Rocket Force Command of KPA). Post: Pyongyang, il-Korea ta’ Fuq. Informazzjoni oħra: L-iStrategic Rocket Force of the Korean People’s Army hija inkarigata mill-programmi kollha tal-missili ballistiċi tal-Korea ta’ Fuq u hija responsabbli għall-isparar tal-missili SCUD u NODONG.”

huwa sostitwit bi:

- “(46) Strategic Rocket Force of the Korean People’s Army (magħrufa wkoll bħala Strategic Rocket Force; Strategic Rocket Force Command of KPA; Strategic Force; Strategic Forces). Post: Pyongyang, il-Korea ta’ Fuq. Informazzjoni oħra: L-iStrategic Rocket Force of the Korean People’s Army hija inkarigata mill-programmi kollha tal-missili ballistiċi tal-Korea ta’ Fuq u hija responsabbli għall-isparar tal-missili SCUD u NODONG. Data tal-klassifikazzjoni: 2.6.2017”.
-

ANNEX II

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(a)” jitħassru l-entrati li ġejjin:

“11. PAK To-Chun”; kif ukoll

“9. PAEK Se-bong”

(2) Taħt l-intestatura “B. Persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(a)”, titħassar l-entrati li ġejja:

“17. Il-Forzi tal-Missili Strateġiċi (Strategic Rocket Forces)”
